# L-ambjent Ewropew — Stat u dehra ġenerali fl-2005 Sommarju eżekuttiv

## Titjib Ewropej, għażliet lokali, impatti globali

L-Ewropej jagħtu importanza lill-ambjent tagħhom — l-istħarriġ ta' l-Eurobarometru juri li maġġoranza kbira (aktar minn 70 %) tixtieq li l-leġiżlaturi jagħtu importanza ugwali għal-linji politiċi ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Bħala individwi, l-Ewropej huma lesti li jieħdu xi azzjoni ambjentali, għalkemm jagħmlu aktar li kieku jkollhom informazzjoni aħjar fuq għażliet ambjentali li jiswew ftit jew xejn flus. Jagħmlu wkoll aktar li kieku jħossuhom konvinti li ċ-ċittadini sħabhom ikunu qegħdin jagħmlu l-istess.

Matul dawn l-aħħar 30 sena, sar ħafna biex l-ambjent ta' l-Ewropa jmur għall-aħjar. Iċ-ċomb ġie eliminat minn fost ħafna tipi ta' petrol. Il-*chlorofluorocarbons* (CFCs) li jagħmlu ħsara għall-ożonu ġew eliminati bil-mod il-mod. L-emissjonijiet ta' l-ossidu tan-nitroġenu mit-trasport tat-triq ġew imnaqqsa b'madwar 90 %, meta mqabbla mal-kwantità li kienet tkun preżenti li kieku ma ġewx introdotti l-konverters katalittiċi.

Iż-żieda fit-trattament tad-drenaġġ urban tippermetti li x-xmajjar, lagi u estwarji Ewropej ikunu jistgħu jirkupraw mit-tniġġis. L-indikazzjoni ta' żoni naturali protetti fl-Unjoni Ewropea issa tammonta għal 18 % tat-territorju kollu, u dan qiegħed jgħin fiż-żamma ta' l-ekosistemi u l-priżeservazzjoni tad-diversità bijoloġika. Il-foresti qegħdin jiżdiedu bil-mod u f'ċerti reġjuni dawn qegħdin jirriġeneraw b'rata aktar mgħaġġla minn qabel. Dan il-progress u bosta oħrajn ifissru benefiċċji għas-saħħa tan-nies u għall-kwalità tal-ħajja tagħhom.

Madankollu għad fadal sfidi kbar għall-futur. L-aktar sfida qawwija hija l-bidla fil-klima li huwa maħsub li l-impatti tagħha diġà huma evidenti f'episodji klimatiċi estremi dejjem aktar frekwenti, nuqqasijiet ta' ilma f'reġjuni u silġ polari li qiegħed idub. Prijoritajiet ambjentali oħrajn huma r-regolament tat-tniġġis ta' l-arja u tas-sostanzi kimiċi sabiex l-impatti fuq is-saħħa u fuq l-ambjent jiġu mnaqqsa; il-priżervazzjoni ta' l-art bħala riżorsa produttiva u bħala ġibjun għall-biodiversità; it-titjib fil-kwalità u fil-kwantità ta' l-ilma ħelu; u l-iżgurar tal-kundizzjoni tajba ta' l-oċeani.

L-oċeani, b'mod partikolari, huma ekosistemi prinċipali li jsostnu ħafna mill-oġġetti u servizzi ekoloġiċi li jiddependu fuqhom.

Wieħed jista' jsib tweġibiet għal xi wħud minn dawn l-isfidi f'użu akbar ta' riżorsi ta' enerġija li tiġġedded, bħal enerġija mir-riħ u mix-xemx sabiex jieħu post xi wħud mir-riżorsi limitati li ma jiġġeddux li kemm l-ekonomiji żviluppati kif ukoll dawk emerġenti qegħdin jikkompetu bejniethom għalihom sabiex jisfruttawhom.

Ħafna mill-problemi ambjentali li qegħdin niffaċċjaw bħalissa jsibu l-għeruq tagħhom fil-mod kif l-Ewropa tuża l-art tagħha, u fl-istruttura ekonomika tagħha u fl-istil tal-ħajja tagħna. Dawn huma diffiċli biex jinbidlu. B'mod partikolari, kien hemm bidla fl-enfasi ambjentali minn kwistjonijiet ta' produzzjoni għal kwistjonijiet ta' konsum. Għarfien aħjar ta' l-effetti ambjentali u tas-saħħa jkollu impatt pożittiv fuq l-għażliet ta' kuljum tagħna fuq x'nixtru, fejn ngħixu u fejn naħdmu, u 'l fejn nivjaġġaw.

L-infiq għal kull dar żdied b'terz fl-UE tal-15 bejn l–1990 u l-2002. Huwa mbassar li dan se jirdoppja fl-UE ta' 25 sa l-2030, b'differenza importanti bejn il-gruppi bi dħul u r-reġjuni. F'ekonomija dejjem aktar globalizzata, l-għażliet tal-konsumatur kullimkien qegħdin ikollhom impatt mhux biss fuq l-ambjent Ewropew iżda wkoll fuq bosta partijiet oħra tad-dinja. Hemm bżonn ta' fehim aħjar ta' l-impatti potenzjali, permezz ta' riċerka aktar dettaljata, sabiex uħud mit-tendenzi kurrenti u futuri negattivi jiġu mibdula.

B'madwar ħames 'ettari globali' għal kull persuna, 'it-traċċa ekoloġika' ta' l-UE tal-25 — iż-żona ta' art stmata meħtieġa sabiex jiġu prodotti r-riżorsi li nikkunsmaw u sabiex jiġi assorbit l-iskart li niġġeneraw — hija bejn wieħed u ieħor nofs dik ta' l-Istati Uniti, madankollu għadha ikbar minn dik tal-Ġappun. Hija wkoll aktar mid-doppju tal-medja għal pajjiżi bħall-Brażil, iċ-Ċina jew l-Indja. L-użu globali totali tar-riżorsi naturali huwa diġà madwar 20 % ogħla mir-rata ta' sostituzzjoni kull sena. Dan ġie msejjaħ, 'għajxien minn fuq il-kapital, milli għajxien minn fuq l-imgħax'.



## Żieda fl-urbanizzazzjoni, abbandun ta' l-art

Kważi tliet kwarti tal-popolazzjoni Ewropea tgħix f'żoni urbani u suburbani li jammontaw għal madwar 10 fil-mija ta' l-erja totali ta' l-art ta' l-UE. Dan jidher li huwa maniġġabbli, madankollu l-intensità u l-kunflitti fuq l-użu multiplu ta' l-art jistgħu jkollhom riperkussjonijiet fuq porzjonijiet vulnerabbli tat-territorju Ewropew, 'l bogħod minn fejn qiegħed iseħħ tabilħaqq l-użu inizjali ta' l-art.

Analiżi riċenti turi li aktar minn 800 000 ettaru addizzjonali ta' art produttiva b'mod naturali ġew konvertiti f'uċuħ artifiċjali, għal djar, uffiċċji, ħwienet, fabbriki u toroq, biex b'hekk iż-żoni urbani tal-kontinent żdiedu b'6 % bejn l-1990 u l-2000. Dan huwa ekwivalenti għal tliet darbiet l-erja tal-Lussemburgu u dan jirrappreżenta tiċkin sinifikanti tal-kapital naturali. Il-prezz irħis ta' art agrikola tajba meta mqabbel mal-prezz ta' art li tkun diġà ġiet urbanizzata huwa fost il-fatturi ewlenin li qiegħed jinfluwenza din l-espansjoni urbana.

It-turiżmu, wkoll, qiegħed jiżdied dejjem aktar, u dan minn banda huwa dovut għal prezzijiet irħas tal-vjaġġi ta' l-ajru u għall-popolazzjoni Ewropea dejjem aktar affluwenti u li qegħda tixjiħ. It-turiżmu jikkontribwixxi wkoll għat-tifrix urban, b'mod partikolari fil-madwar ta' agglomerazzjonijiet kostali, bħal matul il-kosta ferm żviluppata Mediterranja. Żvilupp fit-turiżmu mhux ippjanat tajjeb jista' jżid ukoll il-pressjonijiet fuq żoni li diġà qegħdin jesperjenzaw stress minħabba l-ilma.

Filwaqt li ż-żoni urbani qegħdin jikbru, hekk ukoll jintensifika l-użu tagħhom ta' l-art u ta' l-ilma minn żoni tal-madwar. Dan it-tkabbir joħloq impatt fuq 'servizzi' prinċipali meqjusin li huma fornuti bla ħlas min-natura, bħall-filtrazzjoni naturali ta' l-ilmijiet ta' taħt l-art f'akwifers ta' l-ilma tax-xorb, il-priżervazzjoni ta' l-artijiet mistgħadra u tad-diversità ġenetika misjuba f'żoni ta' agrikoltura estensiva ta' skala żgħira. It-tneħħija tal-postijiet miksija bis-siġar tista' tibdel radikalment it-tnixxiegħa ta' l-ilma tax-xita, u dan jipprovoka valangi ta' tajn u problemi oħra, filwaqt li jżid iż-żoni li huma f'riskju ta' għargħar.

## Il-bidla fil-klima tinsab magħna

Diġà qegħdin nesperjenzaw bidla fil-klima. It-temperaturi medji Ewropej għolew matul dawn l-aħħar 100 sena b'0.95 grad Celsius, u dawn huma mistennija li jogħlew bi 2–6 gradi Celsius matul is-seklu li ġej. F'xi postijiet, l-agrikoltura hija mistennija li tibbenefika minn staġuni ta' tkabbir itwal, iżda f'oħrajn, nuqqasijiet severi ta' ilma u sitwazzjonijiet klimatiċi aktar ħorox (u inqas preveibbli) sejrin jagħmlu l-biedja f'riskju akbar.

Temperaturi tal-baħar li qegħdin jogħlew qegħdin, iżidu l-probabbiltà ta' 'tiżhir ta' l-alka (*algal blooms*)' — fitoplankton tossiku, ta' ħsara kemm għall-ħajja marina kif ukoll għall-bnedmin. Iż-żooplankton — fil-qiegħ nett tal-katina ta' l-ikel — u l-ħut li jiddependi fuqhom bħala s-sors ta' ikel ewlieni għandhom it-tendenza li jsegwu t-tendenzi tat-temperatura. Fil-fatt, xi speċi diġà mxew eluf ta' kilometri lejn it-tramuntana. Speċi ta' annimali u ta' pjanti bbażati fuq l-art qegħdin jiċċaqilqu wkoll. Sfortunatament għal xi speċi l-migrazzjoni mhijiex għażla. Speċi alpini li qegħdin igħixu fl-ogħla altitudnijiet mhux qed ikollhom għażla fuq fejn imisshom imorru.

B'risposta għal dan, il-Ministri ta' l-UE qablu fuq mira sabiex tiġi limitata ż-żieda globali fit-temperatura medja fuq perjodu ta' żmien fit-tul għal mhux aktar minn 2 gradi Celsius ogħla mil-livelli pre-industrijali. Indikaw ukoll li jista' jkun hemm bżonn ta' stabbilizzazzjoni tal-konċentrazzjonijiet ta' $CO_2$ ferm taħt il-550 ppm sabiex il-mira tintlaħaq, u dan jeħtieġ tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'pajjiżi żviluppati ta' xi 60–80 % sa l-2050, meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990. Fuq perjodu ta' żmien qasir, l-UE tinsab hekk kif kienet ippjanat sabiex tissodisfa l-miri ta' Kjoto tagħha bħala riżultat ta' l-Iskema ta' Kummerċjalizzazzjoni ta' l-Emissjonijiet ta' l-UE u miżuri oħrajn inkluż il-Programm Ewropew dwar il-Bidla fil-Klima. Madankollu, il-mira tagħha fuq perjodu ta' żmien medju għall-2020 — tnaqqis ta' 15 sa 30 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra mil-livelli ta' l-1990 — sejra tkun aktar diffiċli biex tintlaħaq.

L-istudji tax-xenarju ta' l-EEA jikkonkludu li s-soluzzjoni għal ekonomija ta' emissjonijiet baxxi ta' karbonju tinsab primarjament fi tliet miżuri: it-tnaqqis

fil-konsum ta' l-enerġija, iż-żieda tas-sehem ta' enerġija li tiġġedded u iktar effiċjenza fl-użu u l-ġenerazzjoni ta' l-enerġija, b'mod partikolari permezz ta' aktar miżuri ta' konservazzjoni ta' l-enerġija. L-użu ta' materjali li jiġġeddu għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija qiegħed jiżdied gradatament, filwaqt li l-possibbiltà ta' żieda fl-enerġija nukleari tibqa' kwistjoni miftuħa u ta' diskussjoni taħraq f'ħafna pajjiżi.

## Progress bil-mod fuq il-ġestjoni tad-domanda ta' l-enerġija

Sa mill-2000, il-ġenerazzjoni iktar effiċjenti ta' l-enerġija u t-tnaqqis fid-domanda mill-industrija ġew kontrobilanċjati b'konsum ta' enerġija dejjem ogħla mill-konsumaturi u mis-settur tas-servizzi. Qegħdin jintużaw aktar oġġetti ta' l-elettriku f'numru akbar ta' djar. Studji jindikaw li tagħmir elettriku li jitħalla mixgħul fuq mod *stand-by*, eżempju, issa jammonta għal 3–13 % tal-konsum ta' l-elettriku tad-djar.

Sa l-2030, id-domanda għall-enerġija madwar l-Ewropa hija mistennija li togħla għal qrib l-20 %, rata ferm aktar bil-mod minn dik imbassra għall-PGD, iżda madankollu fid-direzzjoni l-ħażina *vis-à-vis* ta' dak li hemm bżonn isir kontra l-bidla fil-klima. Miżuri li huma ta' benefiċċju finanzjarju jibqgħu mhux użati biżżejjed. Is-servizz f'daqqa u iktar effiċjenti ta' *power stations* u impjanti ta' tisħin (*heat stations*) itejbu l-effiċjenza fil-provvista ta' l-enerġija. Il-qbid u l-ħżin tal-karbonju jistgħu iservu bħala teknoloġija ta' transizzjoni. Miżuri ta' effiċjenza għall-bini, vetturi u oġġetti għall-konsumaturi mħeġġa minn strumenti u regolamenti bbażati fuq is-suq jistgħi jgħinu jnaqqsu d-domanda.

Fuq perjodu ta' żmien medju, investiment sostnut f'enerġiji li jiġġedu, effiċjenza fl-enerġija u fl-idroġenu bħala sors ta' enerġija jistgħu jgħinu jnaqqsu d-dipendenza Ewropea fuq il-karburanti fossili. Dan ta' l-aħħar jista' igħin b'mod speċjali s-settur tat-trasport li huwa l-kontributur li qiegħed jikber l-aktar malajr għad-domanda ta' l-enerġija dejjem tikber ta' l-Ewropa u ta' l-emissjonijiet ta' $CO_2$. Ta' tħassib, din it-tendenza hija mistennija li tkompli fid-deċenni li ġejjin. It-trasport bl-ajru, b'mod partikolari, huwa mistenni li jirduppja s-sehem tat-trasport totali tiegħu bejn l-2000 u l-2030.

L-UE wriet li hija mexxej impennjat billi stabbiliet miri u għanijiet ambizzjużi għat-tnaqqis fil-gassijiet serra. Aċċettat ukoll li n-nuqqas ta' azzjoni joħloq riskju wisq kbir. Il-bidla għal sorsi ta' enerġija li fihom ftit karbonju, kif ġie ssuġġerit mix-xenarji ta' l-EEA, tinvolvi kontijiet ta' l-elettriku ogħla għall-konsumatur. Iżda li ma jsir xejn fih l-ispiża tiegħu wkoll, kif juru bosta studji li qegħdin iħarsu lejn din il-kwistjoni aktar fil-fond. Wieħed jissuġġerixxi li ' spejjeż soċjali tal-karbonju' — l-ispejjeż għal soċjetà globali ta' kull tunnellata karbonju emess fl-atmosfera — huma madwar EUR 60 għal kull tunnellata. Studji oħrajn jissuġġerixxu spejjeż ferm akbar. Stimi differenti jiddependu fuq kif jistgħu jingħataw valur monetarju l-impatti fuq il-klima, l-agrikoltura, il-kwalità ta' l-arja, il-pesti, il-provvista ta' l-ilma u l-mard fuq perjodu ta' żmien twil.

Dawn l-ispejjeż jistgħu jingiebu f'perspettiva meta jiġi kkunsidrat li l-emissjonijiet ta' gass serra fl-UE tal-25 ivarjaw minn 5 tunnellati għal 25 tunnellata ta' karbonju kull persuna jiddependi fuq il-pajjiż fejn tgħix (ekwivalenti għal EUR 300/persuna għal EUR 1500 euro/persuna spejjeż soċjali). Dan jista' jitqabbel ma' l-ispejjeż addizzjonali stmati ta' EUR 45/persuna fl-2030 għal ekonomija b'karbonju baxx: din ta' l-aħħar hija ferm inqas għalja.

## Aħna aktar b'saħħitna, iżda xorta nibqgħu esposti għall-sustanzi ta' tniġġis

L-Ewropa għamlet passi kbar sabiex tnaqqas bosta forom ta' tniġġis ta' l-arja. B'mod partikolari eliminat l-ismogg f'bosta żoni u naqset ix-xita aċiduża. Madankollu, konċentrazzjonijiet għoljin ta' partikuli fini u ta' ożonu fuq il-livell ta' l-art, b'mod partikolari, għadhom qegħdin jikkawżaw problemi għas-saħħa f'bosta bliet u żoni tal-madwar. Ożonu ta' livell ta' l-art qiegħed jagħmel ħsara wkoll lis-saħħa ta' l-ekosistema u lill-kultivazzjonijiet madwar żoni kbar ta' l-Ewropa rurali.

Minkejja t-tnaqqis fl-emissjonijiet, il-konċentrazzjonijiet ta' dawn il-pollutanti jibqgħu għoljin, spiss ogħla mill-miri eżistenti. L-espożizzjoni għal konċentrazzjonijiet twassal għal tnaqqis fit-tul tal-ħajja, tikkawża mewt prematura u tagħmel ħsara b'mod mifrux lis-saħħa. Il-volum dejjem jikber tat-trasport, 30 % għall-ġarr ta' oġġetti u 20 % għall-passiġġieri matul dawn l-aħħar 10 snin, fisser li titjib teknoloġiku sinifikanti ma rriżultax f'ħafna tnaqqis globali fl-emissjonijiet.

L-Ewropa titlef madwar 200 miljun ġurnata xogħol fis-sena minħabba mard relatat mat-tniġġis ta' l-arja. Barra minn hekk, l-OECD tistma li 6.4 % ta' l-imwiet u mard fit-tfal żgħar Ewropej huma kkawżati minn tniġġis minn barra. Din iċ-ċifra tinsab b'mod aktar sproporzjonat fl-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE. Analiżi fuq l-Istrateġija Tematika għat-tniġġis ta' l-arja ppubblikata f'Settembru 2005 uriet li impatti sostanzjali fuq is-saħħa tal-bnedmin u l-ekosistemi sejrin jibqgħu jkunu preżenti anki b'implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

Titjib fit-teknoloġija tat-trasport, minn vetturi ibridi għal vetturi li jikkunsmaw l-idroġenu, kollha għandhom ir-rwol tagħhom fit-tnaqqis ta' l-espożizzjoni. Għalhekk, hekk ukoll jagħmel l-ippjanar urban li jista' joffri modi ta' trasport integrat bħala alternattivi veri għat-trasport bil-karozzi f'bosta żoni urbani.

Iċ-ċittadini Ewropej huma esposti wkoll għal taħlita ta' sustanzi kimiċi ġġenerati mill-oġġetti ta' l-ikel u oġġetti moderni tal-konsumatur, inkluż għamara, lbies u prodotti tad-dar. Ir-rabtiet bejn is-sustanzi kimiċi u t-tendenzi dejjem jogħlew ta' kanċer fl-organi riproduttivi (kanċer tat-testes, prostata u tas-sider) u f'leukaemia fuq it-tfal qegħdin jiġu enfasizzati dejjem aktar. Hemm nuqqas qawwi ta' evidenza, madankollu l-preżenza kullimkien ta' traċċi kimiċi fil-kampjuni tad-demm tan-nies u fl-ambjent hija kawża ovvja ta' tħassib. Tista' tittieħed azzjoni. Użu inqas ta' sostanzi kimiċi perikolużi fil-biedja u residwi iktar baxxi fil-prodotti tal-konsumatur igħinu jnaqqsu l-impatti li ftit li xejn nafu fuqhom ta' taħlitiet kimiċi bħal dawn.

## Il-prevenzjoni tat-tniġġis, ta' min issir

Saru sforzi kbar sabiex id-drenaġġ Ewropew jitnaddaf u sabiex jitnaqqas l-iskart li jniġġes l-ilma mill-industrija. Madankollu, għad fadal x'wieħed



jaqdef qabel id-direttiva dwar it-trattament tad-drenaġġ tiġi implimentata għal kollox. Il-progress sa issa ntlaħaq permezz ta' investimenti kapitali u b'forom avvanzati ta' trattament.

Tendenzi futuri juru li se jkun hemm aktar tnaqqis fit-tniġġis mid-drenaġġ b'mod speċjali fil-pajjiżi ta' l-UE ta' l–10, appoġġjat b'fondi strutturali u ta' koeżjoni ta' l-UE mill-2007. L-esperjenza tal-linji politiċi dwar it-trattament tad-drenaġġ matul dawn l-aħħar 20 sena turi li l-investimenti fil-kapaċitajiet tat-trattament, flimkien ma' inċentivi ekonomiċi realistiċi sabiex jitnaqqas it-tniġġis fis-sors, joffru l-aktar mod effettiv u ta' benefiċċju finanzjarju sabiex jitnaqqas tniġġis bħal dan.

L-Unjoni Ewropea, permezz ta' linji politiċi bħad-direttiva dwar in-nitrati, fittxet li tnaqqas it-tniġġis mill-agrikoltura. Fl-istess ħin, investimenti mill-industrija ta' l-ilma jkomplu jiżguraw il-kwalità ta' l-ilma tax-xorb. It-tnixxiegħa fix-xmajjar u fl-ilma ta' taħt l-art ta' l-Ewropa mill-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi organiċi u minerali għadha għaddejja. Filwaqt li huwa mistenni li l-użu ta' sostanzi kimiċi bħal dawn sejjer jonqos fl-UE ta' 15, l-użu ta' fertilizzanti minerali huwa mistenni li jogħla b'35 % sa l-2020 fl-UE10 filwaqt li l-agrikoltura issir iktar intensiva.

Il-problemi bil-kwalità ta' l-ilma ta' taħt l-art fl-Ewropa sejrin jibqgħu jeżistu f'bosta żoni minħabba li tista' tieħu deċenni sħaħ għas-sustanzi li jniġġsu sabiex jippenetraw ġewwa l-art u jilħqu x-xmajjar, lagi u provvisti ta' l-ilma tagħna. Il-prevenzjoni, permezz ta' prattiċi ta' biedja li dejjem jinbidlu, hija ta' benefiċċju ekonomiku akbar mit-tindif, b'mod speċjali fuq perjodu ta' żmien fit-tul.

## It-tnaqqis tar-riżorsi naturali tagħna

L-istat tal-popolazzjonijiet tal-ħut fid-dinja juri l-perikli ta' użu żejjed tar-riżorsi naturali u ta' ħsara tal-funzjonijiet ta' l-ekosistemi. Il-ħut huma l-aħħar riżorsa ta' ikel selvaġġ maġġuri. L-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) tistma li 75 % tal-popolazzjonijiet tal-ħut tad-dinja qegħdin jiġu mistgħada żżejjed u predaturi ta' livell għoli, bħat-tonn u l-klieb il-baħar qegħdin isiru dejjem aktar rari.

Minħabba li l-popolazzjonijiet ta' ħut fl-Ewropa jinsabu f'livell baxx, il-flotta tas-sajd Ewropea mxiet aktar 'l fuq, appoġġjata bi ftehim bilaterali u b'sussidji. Dawn il-flotot 'ħadu kull ma setgħu mill-katina ta' l-ikel' billi neħħew tunnellati sinifikanti ta' speċi ta' livell għoli. Dan ħalla ħafna speċi li huma kummerċjalment importanti f'riskju u l-istruttura ta' l-ekosistema taħt theddida.

Fuq l-art, l-indikazzjoni ta' 18 % mill-erja ta' l-art Ewropea bħala żona protetta taħt in-netwerk Natura 2000 sejra tikkontribwixxi għas-salvagwardja tas-saħħa u d-diversità ta' l-ekosistemi tagħha. Madankollu, il-pajsaġġi Ewropej, li huma parti kritika tal-wirt kulturali tagħha u djar essenzjali għall-bijodiversità, huma għaddejjin minn bidliet mifruxin u li jistgħu jkunu irriversibbli. Dawn il-bidliet għandhom impatt kemm fuq l-ispeċi kif ukoll fuq il-mod kif taħdem l-ekosistema.

L-akbar telf ta' ambjenti naturali u ekosistemi għall-bijodiversità madwar il-kontinent matul is-snin disgħin kienu fix-xagħri, f'artijiet nieqsin mix-xita u tundra, u f'pantani, f'għadajjar u f'artijiet moxa mgħadrin. Ħafna mill-artijiet mistagħdra li kien għad fadal intilfu minħabba żvilupp kostali, ġibjuni fuq muntanji u xogħlijiet ta' inġinerija tax-xmajjar. Bl-istess mod, għalkemm aktar mill-Ewropa hija miksija bis-siġar illum milli fil-passat riċenti, ħafna foresti qegħdin jiġu kkultivati b'mod aktar intensiv minn qabel.

Dan it-telf qiegħed ikollu impatt fuq l-ispeċi individwali. Minkejja l-linji politiċi ta' protezzjoni bħala parti mill-istrateġija Ewopea sabiex jiġu kkonservati l-ambjenti naturali selvaġġi kruċjali tagħha, bosta speċi jibqgħu mhedda, inkluż 42 % tal-mammiferi nativi, 15 % tal-għasafar, 45 % tal-friefet, 30 % ta' l-amfibjani, 45 % tar-rettili u 52 % tal-ħut ta' l-ilma ħelu.

Il-ħamrija ta' l-Ewropa hija varjata b'mod uniku, b'aktar minn 300 tip ta' ħamrija maġġuri madwar il-kontinent. Telf ta' ħamrija jista' eventwalment jiġi sostitwit permezz ta' proċessi naturali iżda sabiex



jiġu prodotti ftit ċentimetri ta' ħamrija ġdida dan jista' jieħu sa 50 sena. Il-ħamrija għandha titqies bħala riżorsa li ma tiġġeddidx. Hemm bosta theddid għall-ħamrija — erożjoni, ssiġillar, kontaminazzjoni, tmelliħ. Sa issa, dawn kienu diffiċli biex jiġu indirizzati u huma mistennija li jkomplu jkunu ta' sfida b'mod konformi ma' l-iżviluppi futuri mistennija fl-Ewropa fl-urbanizzazzjoni, agrikoltura intensiva u industrijalizzazzjoni/de-industrijalizzazzjoni.

Madwar il-kontinent, id-domanda għall-ilma se tkompli tikber b'mod partikolari fis-settur tad-djar. Fl-Istati Membri l-ġodda, l-użu ta' l-ilma huwa mistenni li jiżdied b'70 % fl-għaxar snin li ġejjin. Qiegħed jintuża wkoll aktar ilma għat-tisqija ta' kultivazzjonijiet ta' l-ikel, b'mod partikolari fin-nofsinhar ta' l-Ewropa fejn diġà hemm sinjali ta' stress għall-ilma. Il-bidla fil-klima hija mistennija li testendi u li tintensifika din il-problema. Id-disponibbiltà fuq perjodu ta' żmien twil ta' provvisti ta' l-ilma abbundanti, affidabbli u nodfa sejrin isiru aktar importanti fil-kuntest ta' ippjanar futur ta' l-użu ta' l-art, b'mod speċjali madwar il-Mediterran.

Matul dan l-aħħar deċennu, l-Ewropa rnexxielha taqta' b'mod relattiv it-tkabbir ekonomiku mill-użu tal-materjali u ta' l-enerġija. Madankollu, l-użu assolut tar-riżorsi baqa' għaddej b'ritmu sod. Hemm differenzi kbar bejn il-pajjiżi ta' l-UE, bl-intensità tal-materjal tvarja minn madwar 11 kg/euro tal-PGD għal inqas minn 1 kg/euro. Dawn id-differenzi jistgħu minn banda jiġu spjegati mill-bilanċ ta' l-attività ekonomika bejn l-industrija u s-servizzi.

Madankollu, il-produttività fl-Ewropa tal-Lvant, hija bħala medja, erba' darbiet ogħla mill-fl-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE. Dan jipprovdi opportunitajiet sostanzjali sabiex jintlaħaq bilanċ akbar fil-produttività tar-riżorsi bejn l-UE tal-15 u l-UE ta' 10 permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija u miżuri oħrajn.

## Integrazzjoni, innovazzjoni u riforma tas-suq

Il-linji politiċi ambjentali ta' suċċess ta' l-UE matul dawn l-aħħar 30 sena kkonċentraw l-aktar fuq sorsi li jidhru faċilment. Dawn il-problemi ġew indirizzati prinċipalment b'regolamenti u b'innovazzjonijiet teknoloġiċi. Issa l-isfida hija li jiġu żviluppati u implimentati linji politiċi fit-tul għal dawk is-setturi ekonomiċi li jikkontribwixxu l-aktar fid-diffużjoni tas-sorsi ta' tniġġis. Huwa mistenni li sabiex ikun hemm progress importanti iridu l-ewwel jgħaddu għexieren ta' snin fejn irid isir tfassil ta' politika koerenti u li tibqa' taħdem fit-tul, iżda li tkun madankollu flessibbli u li li jkollha l-appoġġ wiesgħa taċ-ċittadini. Dan ifisser li x-xandir ta' l-informazzjoni lill-pubbliku u miżuri li jkabbru l-għarfien sejrin ikunu dejjem aktar essenzjali għal tfassil effettiv tal-politika.

Linji politiċi effettivi jeħtieġu wkoll li jinkoraġġixxu l-bidliet ambjentali fost il-konsumaturi ta' l-Ewropa kif ukoll li jiffukaw, b'mod partikolari, is-settur tat-trasport, ta' l-enerġija u ta' l-agrikoltura fuq attivitajiet li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent. Riformi istituzzjonali fuq perjodu ta' żmien fit-tul u ppjanar finanzjarju li jinkoraġġixxi eko-effiċjenza akbar jistgħu jgħinu fil-promozzjoni ta' attivitajiet bħal dawn. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq. Eżempju, tneħħija tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent lejn appoġġ għall-iżvilupp u użu ta' eko-innovazzjonijiet fil-manifattura, trasport ta' enerġija u agrikoltura jistgħu jgħinu ħafna it-transizzjoni lejn attivitajiet ekonomiċi aktar sostennibbli.

Ħafna linji politiċi ta' l-UE diġà jinkludu għanijiet ambjentali u qegħdin jiġu indirizzati baġits sostanzjali sabiex jinkaraġġixxu azzjonijiet u mġieba b'mod konformi mal-miri ambjentali, eżempju, taħt il-Politika Agrikola Komuni. Madankollu, minħabba n-natura wiesgħa tal-bidliet li jinħolqu minħabba l-użu ta' l-art, l-Ewropa tista' tibbenefika minn kooperazzjoni akbar bejn is-setturi sabiex tiġi indirizzata koeżjoni bbilnaċjata tat-territorju, eżempju, bejn ippjanar reġjonali, urban u tat-trasport u l-użu ta' fondi strutturali u ta' koeżjoni ta' l-UE.

Is-settur tat-trasport jipprovdi każ tajjeb ta' prova għall-enfasi fuq il-benefiċċji ta' metodi aktar integrati. Għal dan is-settur, naraw li hemm kwantità kbira ta' forzi li jimbuttaw u pressjonijiet inter-relatati li għandhom impatt fuq l-ambjent. Min-naħa, is-settur

kiseb tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniħħsu l-arja bħal prekursuri ta' l-ożonu u sustanzi aċidifikużi. Madankollu, min-naħa l-oħra, emissjonijiet ta' gassijiet serra jkomplu jogħlew filwaqt li d-domandi għat-trasport (merkanzija u passiġġieri) jegħelbu t-titjib magħmul f'emissjonijiet relatati ma' l-enerġija permezz ta' titjib teknoloġiku u regolamenti aktar stretti.

F'konformità ma' l-iżvilupp urban, l-infrastruttura tat-trasport għandha impatt fuq tliet livelli fuq l-art. Tikkontribwixxi għall-konsum ta' art agrikola tajba, is-siġillar ta' ħamrija b'rati dejjem akbar u l-frammentazzjoni ta' ambjenti naturali madwar l-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, tesponi parti estensiva tal-popolazzjoni għal livelli għoljin ta' storbju.

L-aptit dejjem akbar tagħna għal mobilità bit-triq u bl-ajru wassal sabiex kwistjonijiet ta' trasport telgħu fil-quċċata ta' l-aġenda dwar l-ambjent/sostennibbiltà minn livell ta' belt għal governanza dinjija. Dan jirrifletti l-firxa wiesgħa ta' sfidi madwar it-trasport minn kwistjonijiet lokali (ippjanar u diżinn urban) għal kwistjonijiet globali (gassijiet serra u bidla fil-klima).

Azzjonijiet integrati aktar fuq perjodu ta' żmien fit-tul taw benefiċċji sostanzjali. It-tassazzjoni fuq il-petrol turi l-effikaċja tat-tibdil fuq perjodu ta' żmien twil fl-inċentivi ekonomiċi permezz ta' strumenti bbażati fuq is-suq. It-teknoloġiji ta' vetturi Amerikani u Ewropej huma bażikament l-istess. Madankollu, it-taxxi Ewropej fuq il-fjuwil ta' madwar 50 % stimulaw bidliet fl-imġieba tal-konsumatur. Flimkien mal-pressjoni politika sabiex jintużaw teknoloġiji, dawn il-fatturi għamlu karozzi ġodda Ewropej effiċjenti kważi darbtejn aktar f'deċenni riċenti mill-kontraparti tagħhom Amerikani, fejn it-tassazzjoni fuq il-fjuwil hija ferm inqas. Studji jissuġġerixxu li jista' jsir tfaddil konsiderevoli fl-intensità ta' l-enerġija permezz ta' metodi simili għall-ipprezzar ta' l-enerġija.

## X'nistgħu nagħmlu

Riforma fit-taxxa tista' tikkontribwixxi għal ambjent aktar sostennibbli u b'saħħtu. Transizzjoni gradwali



tal-bażi tat-taxxa lil 'hinn mill-intaxxar ta' 'riżorsi tajbin', bħall-investiment u x-xogħol, u lejn intaxxar ta' 'riżorsi ħżiena', bħalma huma t-tniġġis u l-użu effiċjenti, tgħin ukoll sabiex l-ispejjeż ambjentali jiġu inkorporati fil-prezzijiet tas-servizz u tal-prodott. Min-naħa tiegħu, dan joħloq indikaturi tal-prezz tas-suq aktar realistiċi.

Il-leġiżlaturi jistgħu jfasslu wkoll miżuri paralleli sabiex jiżguraw li t-taxxi ambjentali ma jkunux soċjalment inġusti. Membri aktar foqra tas-soċjetà, ġeneralment jonfqu proporzjon akbar tad-dħul tagħhom fuq il-ħtiġijiet bażiċi bħalma huma l-ikel, l-ilma u l-enerġija. Studji sabu li t-taxxi fuq l-elettriku jaqgħu partikolarment fuq il-fqar, filwaqt li t-taxxi fuq it-trasport huma relattivament inqas iebsin għall-foqra li għandhom inqas aċċess għat-trasport privat. It-taxxi fuq it-tniġġis huma ġeneralment newtrali fl-impatt tagħhom fuq il-gruppi soċjali.

Il-linji politiċi li jdaħħlu l-aktar dħul mill-konsum u inqas mix-xogħol, jistgħu jipprovdu wkoll bażi tat-taxxa usa u li dejjem tespandi bħala tweġiba kemm għall-forza tax-xogħol li tkun qegħda tonqos kif ukoll għal soċjetà li qegħda tikber fl-età.

Is-seba' Strateġiji Tematiċi li qegħdin jiġu żviluppati taħt is-6 Programm ta' Azzjoni Ambjentali, flimkien mal-linji politiċi dwar l-integrazzjoni tas-settur, u l-Istrateġija dwar l-Iżvilupp Sostennibbli ta' l-Unjoni Ewropea, kollha jħeġġu l-ippjanar fuq perjodu ta' żmien twil.

Linji politiċi koerenti li jinkoraġġixxu ir-ristrutturar ta' inċentivi minn strumenti finanzjarji, prezzijiet tas-suq u taxxi li sejrin ikunu meħtieġa sabiex inaqqsu ż-żieda fl-ispejjeż, li huma dejjem aktar evidenti, ta' l-użu tar-riżorsi naturali tal-pjaneta. Il-gwadanni li jirriżultaw fl-eko-effiċjenza jistgħu jgħinu fit-titjib tal-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea. Produzzjonijiet aħjar ta' l-enerġija u tar-riżorsi fl-Ewropa jistgħu jgħinu sabiex jibbilanċjaw parzjalment vantaġġi kompetittivi oħra li jgawdu minnhom l-ekonomiji emerġenti ta' l-Asja u ta' l-Amerika ta' Isfel.

Madankollu, hemm ostakoli sostanzjali għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-linji politiċi fil-livelli kollha tal-governanza fl-UE. Studji ta' l-EEA jindikaw li t-tfassil istituzzjonali jista' jkun importanti daqs it-tfassil tal-politika nfisha.

L-appoġġ pubbliku għall-gwadanni ambjentali f'dawn l-aħħar deċenni huwa rifless fit-tisjib ta' l-istħarriġ ta' l-Eurobarometru ta' l-2005, li jissuġġerixxi wkoll li ċ-ċittadini Ewropej huma lesti li jagħmlu aktar. Dan ir-rapport juri li fil-fatt jeħtieġ li jsir aktar kemm mill-gvernijiet kif ukoll miċ-ċittadini sabiex l-iżvilupp ekonomiku jinġieb konformi mal-kapaċitajiet li tiflaħ id-Dinja.

L-Ewropa tinsab f'pożizzjoni tajba sabiex tmexxi t-triq fuq dan is-suġġett billi toħloq soċjetà Ewropea aktar bil-għaqal, aktar nadifa, aktar kompetittiva u b'inqas periklu. Avvanzi bħal dawn iħeġġu t-titjib fl-eko-effiċjenza globali u fl-ekwità li fl-aħħar mill-aħħar jiżguraw il-kwalità tal-ħajja ta' l-Ewropa.